Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10255 — Triton/Bergman Clinics)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 262/09)

1. Fit-28 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Il-grupp Triton ("Triton", Jersey),

— Bergman Healthcare Clinics B.V. ("Bergman Clinics", in-Netherlands),

Triton takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Bergman Clinics kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Triton: fond ta' ekwità privata li primarjament jinvesti f'negozji ta' daqs medju bil-kwartieri ġenerali fl-Ewropa Ċentrali u tat-Tramuntana, b'enfasi partikolari fuq in-negozji f'erba' setturi ewlenin, jiġifieri s-Servizzi tan-Negozju, l-Industriji, il-Konsumatur u s-Saħħa. Waħda mill-kumpaniji tal-portafoll ta' Triton, Aleris Group AB, hija attiva fil-forniment ta' servizzi oftalmoloġiċi kemm fl-Iżvezja kif ukoll fin-Norveġja,

— Bergman Clinics: ċentri ta' fokus li joperaw fin-Netherlands, l-Isvezja, id-Danimarka, in-Norveġja u l-Ġermanja li joffru kura medika ppjanata fl-oqsma tal-ortopedija, l-oftalmoloġija, il-ġinekoloġija, il-mediċina estetika, il-kardjoloġija, il-gastroenteroloġija, id-dermatoloġija u l-mediċina vaskulari. Waħda mill-kumpaniji ta' portafoll ta' Bergman Clinics, Memira AB, hija attiva fil-forniment ta' servizzi oftalmoloġiċi fil-pajjiżi Nordiċi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10255 — Triton/Bergman Clinics

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").